# IL-PARROĊĊA TA' BORMLA

## 1822 175 SENA KOLLEĠĠJATA 1997

*Kitba tar-Rev. Kan. Joseph Bonello*



Il-Papa Piju VII

Il-Parroċċa ta' Bormla saret Kolleġġjata mill-**Papa Piju VII** f'Lulju **1822** 175 sena ilu. F'dak iż-żmien l-aqwa unur li seta' jkollha parroċċa kien dak li ssir **Kolleġġjata**. Jekk inqallbu daqsxejn id-dokumenti li hemm fil-Kurja u fl-Arkivju Parrokkjali ta' Bormla, insibu kemm ħadmu u stinkaw il-Kleru u l-Poplu ta' Bormla biex jakkwistaw dan l-unur għall-parroċċa tagħna.

Il-Parroċċa ta' Birkirkara ġiet imwaqqfa Kolleġġjata mill-**Papa Urbanu VIII** fl-**1630**; ta' San Pawl tal-Belt fl-**1733** mill-**Papa Klement XIII**; ta' l-Isla fl-**1785** u tal-Birgu fl-**1821** mill-**Papa Piju VII**. Mit-tlitt ibliet tal-Kottonera, Bormla biss kienet għadha mhiex Kolleġġjata, għalkemm il-Bormliżi kienu diġà ilhom erba' snin jitħabtu biex Bormla jkollha dan l-unur. Infatti sa mis-sena 1818 twaqqfet Kummissjoni, u tressqet talba quddiem l-Isqof Ferdinando Mattei. L-aktar li ħabirku fost il-Kleru ta' Bormla kienu żewġ qassisin żgħażagħ, **Dun Franġisk Lia** u **Dun Piet Spiteri**. Dun Piet ried li l-Kolleġġjata tagħna ma tkunx bħall-Kolleġġjati l-oħra, fejn ir-responsabbiltà kollha tal-parroċċa hija f'idejn l-Arċipriet biss. Dun Piet ried li r-responsabbiltà tal-parroċċa tkun f'idejn il-Kapitlu kollu, b'mod tali li kull Kanonku jkun responsabbli ta' kull deċiżjoni u jkollu sehem f'kull ħaġa li ssir.

## BORMLA SSIR KOLLEĠĠJATA

It-talba mitluba li l-parroċċa tkun f'idejn il-Kapitlu ma ġietx milqugħa la mill-Kappillan ta' Bormla, **Dun Ġużepp Bezzina**, la mill-Isqof ta' Malta u lanqas minn Ruma. Għawġ minn kullimkien beda jidher u nqala' ħafna nkwiet. Dun Piet u Dun Franġisk ġew maħtura mill-Kleru biex imorru Ruma, u kien bis-saħħa u l-ħila tal-**Kardinala Rivalora** ( li tiegħu jinsab ritratt fis-sagristija) li l-Papa Piju VII f'Lulju 1822 ħareġ il-famuża Bolla fejn il-Parroċċa ta' Bormla ġiet imgħollija f'**Kolleġġjata *Perinsigni***, b'Kapitlu ta' 19-il Kanonku (wara saru 18). B'sitt membri dinjitarji; Arċipriet, Teżorier, Kantur, Primiċerju, Dekan u Prepostu. Il-Knisja waqqfet ħames Kanonikati u l-Kanonikati ta' l-Arċipriet, Teżorier, Penitenzier u tat-Teologu. Diversi familji Bormliżi waqqfu l-Kanonikati l-oħra.



Il-Kard. Rivalora

Pussess ta' l-ewwel Kanoniċi sar lejlet il-

Kunċizzjoni, fis-7 ta' Diċembru **1823**, sena u nofs wara l-ħruġ tal-Bolla tat-twaqqif tal-Kolleġġjata (ara ritratt ta' l-Isqof Mattei fis-sagristija).

## INQALA' L-INKWIET

Madankollu din il-Bolla ta' l-1822 ma setgħetx tiġi mwettqa għaliex il-kwistjonijiet li nqalgħu kontra, kienu bla tarf. Għalkemm fit-**13 ta' Settembru 1830** ħarġet il-Bolla hekk imsejħa ta' l-*Unione* - Għaqda tal-Parroċċa għal Kolleġġjata xorta waħda l-inkwiet baqa' sejjer għoxrin sena sħaħ, u kien biss fit-**30 ta' Settembru 1850** li l-kwistjoni ġiet deċiża minn **Ruma**, b'Bolla oħra maħruġa mill-Papa Piju IX.

B'dan id-digriet ġie stabbilit li l-Arċipriet ikun l-ogħla dinjità, speċi ta' *Chairman* tal-Kapitlu *(Primus inter pares)*, u waqt li l-kura ta' l-erwieħ *(cura animarum)* tkun f'idejn il-Kapitlu. Il-Kanoniċi kienu jagħżlu wieħed minnhom Kurat biex jieħu ħsieb il-parroċċa u s-Sagramenti. Għalhekk il-Kanoniċi ta' Bormla kienu jieħdu l-pussess bħall-Kappillani, mhux bħall-Kanoniċi tal-Kolleġġjati l-oħra. Dan ifisser li waqt li fil-parroċċa l-oħra l-Kappillan huwa l-*factotum* ta' kollox, jista' jieħu deċiżjoni anke mingħajr il-kunsens tas-saċerdoti tal-parroċċa, fil-parroċċa ta' Bormla kull Kanonku kellu d-dritt għall-vot, u l-ebda deċiżjoni ma kienet tista' tittieħed, jekk mhux bil-kunsens tal-maġġoranza tal-Kanoniċi. Mhux hekk biss, iżda l-amministrazzjoni kienet ukoll f'idejn il-Kapitlu *(administrando sui iuris)*, b'mod li l-ebda tibdiliet ma jkunu jistgħu jsiru jekk mhux bil-kunsens tal-maġġoranza tal-Kanoniċi. Privileġġi oħra kienu s-**salib pektorali**, il-mazza u l-kuda li kien juża t-Teżorier.

## WARA L-KONĊILJU VATIKAN II

Wara l-Konċilju Vatikan II sar ħafna tibdil fil-Knisja: **dak li qabel kien ikkunsidrat bħala unur, illum huwa kkunsidrat bħala lussu**. Il-Knisja llum mhiex qiegħda tagħti iżjed importanza lil dawn id-drittijiet u privileġġi. Għalhekk qegħdin naraw tnaqqis kbir fl-ilbies tal-Papa, tal-Kardinali u wkoll tal-Kanoniċi. Tnaqqas ukoll in-numru tal-Kanonikati: hekk il-Kanonikati ta' Bormla minn tmintax saru erbatax. L-aħħar li ntlibset il-*cappamagna* (il-pelliċċa) kien fl-1971 nhar il-Ġimgħa l-Kbira meta l-purċissjoni sfrattat minħabba x-xita. Id-daqqa ta' l-aħħar saret meta b'digriet tat-**18 ta' Ottubru 1982**, l-Arċisqof Gonzi fired il-Kolleġġjata mill-Parroċċa *(papaeciam Civitatis Conspicuae a Rev. Capitolo separamus)*. Ir-Rettur tal-knisja sar il-Kapitlu, waqt li l-Parroċċa ġiet fdata f'idejn il-Kappillan, li jgawdi d-drittijiet kollha li għandhom il-Kappillani l-oħra *(quae ex juris praescripto parochis competunt)* . Il-Kappillan magħżul kien il-**Kan. Dun Victor Cilia** li, wara l-mewt ta' l-Arċisqof Burlò, sar ukoll Arċipriet u l-ogħla dinjità fil-Kapitlu. L-aħħar Kurat kien il-Kan. Luigi Abela, li wara sar Monsinjur tal-Katidral u li miet fil-5 ta' Ġunju 1986.

## PROTESTA PAĊIFIKA

Il-Kapitlu stinka ferm biex iżomm dawn id-drittijiet. Ħadna parir minn nies ta' l-affari tagħhom u bil-permess ta' l-Arċisqof, żewġ Kanoniċi, il-**Kan. George Abela** u **l-Prep. G. Mizzi Agius** ġew maħtura mill-Kapitlu biex imorru Ruma. Kellimna wkoll Kardinal fil-Kurja Rumana u ħadna **parir legali** mingħand persuna magħrufa. Il-Kapitlu iżda deherlu li mhux iż-żmien li nieħdu passi legali kif għamlu l-Kanoniċi ta' qabilna. Mhux iż-żmien li jitqanqal inkwiet, u hekk aċċettajna dak kollu li trid minna l-ogħla awtorità tal-Knisja, meta nafu li n-numru tas-saċerdoti dejjem qiegħed jonqos.

## IL-KAPITLU TA' BORMLA LLUM

Il-Kapitlu ta' Bormla jikkonsisti f'erbatax-il Kanonikat, sitta minnhom dinjitarji, wieħed penitenzier u ieħor teologu. Illum il-Kapitlu huwa dan: **Arċipriet** - il-Kan. Joe Mifsud; **Teżorier** - il-Kan. Gustav Barbara; **Kantur** - il-Kan. Joseph Bonello, **Primiċerju** - il-Kan. Joseph Zammit; **Dekan** - il-Kan. Anton Cachia; **Prepostu** - il-Kan. Luigi

Cilia. Il-Kanoniċi l-oħra huma l-Mons. Anton Muscat u l-Kan. Joe Abela (Penitenzier).

**IL-KANONĊI ONORARJI HUMA:**

Mons. Ġużeppi Minuti; Mons. Victor Grech, *Direttur tal-Caritas;* Kan. Joseph Mifsud Bonnici, *Rettur tas-Seminarju;* Kan. Vincent Cachia, *Arċipriet ta' l-Isla*; Kan. Walter Cauchi, *Kappilan tal-Parroċċa ta' San Bastjan, Ħal Qormi;* Kan. Evan Caruana, *Kappillan tal-Gudja;* Kan. Louis Suban, *Kappillan ta' l-Imsida;* Kan. Victor Cilia, *ex-Arċipriet ta' Bormla*; u Kan. Anthony Cassar, *Kappillan ta' Wied il-Għajn.*

**GĦELUQ**

Huwa veru li l-Kolleġġjata tagħna tilfet ħafna mid-drittijiet li kellha, iżda huwa veru wkoll li l-parroċċa ta' Bormla għandha dak kollu li teħtieġ għaż-żminijiet ta' llum: Sala Parrokkjali; Kor stupend tal-Kant; Kunsill Parrokkjali eċċ bil-ħidma ta' l-Arċipriet Dun Joe Mifsud u bil-koperazzjoni tal-Kapitlu u bil-għajnuna tal-Viċi-Parroku Dun Joe Grech, Bormla qiegħda ssib postha bħala komunità ta' mħabba nisranija kif imfassla fil-Konċilju Vatikan II.



Hekk kienu jilbsu l-Kanonċi qabel il-konċilju Vatikan II. Dawn iż-żewġ Kanonċi huma l-Kan. Teżorier Gustav Barbara u l-Kantur Dun Joseph Bonello fil-jum tal-pussess tagħhom fit-30 ta' Novembru 1957, erbgħin sena ilu.

FF

Firm

# Francica

IMPORTERS OF
GIFTWARE, FURNITURE & HOUSEHOLD GOODS

**Just arrived**

Large Selection of
Porcelain Dolls, Wide Variety of Ceramic Articles,
Lampshades, Tables and much more

767, St Joseph High Street, Hamrun
Tel: 243427 • Fax: 246601